Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 139/19/F

Rodney Farrugia u Paula Farrugia Cutajar

vs

Industrial Motors Limited u Continental Cars Limited

Illum, 25 ta' Marzu 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-7 ta' Ottubru 2019;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata nhar l-4 ta' Novembru 2019;

Ra d-Digriet tal-14 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu, it-Tribunal laqa' talba sabiex l-ammont reklamat permezz ta' dawn il-proċeduri jiżdied minn erba mija u ħamsin Euro (€450) għal seba mija u ħdax-il Euro u għaxar ċentenżmi (€711.10);

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Ikkonsidra:

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-azjendi intimati jew min minnhom jiġi kkundannati jħallsuhom is-somma ta' **seba mija u ħdax-il Euro u għaxar ċentenżmi (€711.10)** jew somma oħra verjuri rappreżentanti valur tat-tiswija tal-vettura tagħhom tat-tip Seat Cordoba 1.4 16v Stylance li żviluppat problemi ta' sadid fil-*body* tagħha.

Illi tramite r-Risposti li hija ppreżentat, l-azjenda intimata tikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti primarjament billi tgħid li hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ukoll għax fil-fehma tagħha, il-garanzija tal-

manifattur fuq il-karozza in kwistjoni ma baqgħetx fis-seħħ minħabba li r-Rikorrent naqas li jħares l-obbligi kontrattwali tiegħu għax ma nfurmax lill-azjendi intimati immedjatament dwar is-sadid affliġġenti l-karozza kif kien obbligat li jagħmel taħt il-garanzija.

Illi r-Rikorrenti jibbażaw il-kwantu tat-Talba tagħhom (kif emendata) fuq rapport redatt mis-Surveyor John Mark Zammit. F'dan ir-rapport, Zammit jikkonkludi li biex tissewwa l-ħsara tas-sadid li għandha l-vettura tinħtieġ is-somma ta' seba mija u ħdax-il Euro u għaxar ċentenżmi (€711.10) bil-VAT inkluż. Tajjeb jiġi nnutat li l-azjendi intimati eżentaw lir-Rikorrenti milli jipproduċu lill-John Mark Zammit bħala xhud u b'hekk it-Tribunal ser joqgħod fuq ir-Rapport eżebit in atti.

Illi jinħtieġ jiġi stradati żewġ kwistjonijiet preliminari qabel ngħaddu għall-mertu veru u proprju ta' din it-Talba. Fl-ewwel lok, it-Tribunal jirreferi għall-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2022 fejn ġie dikjarat mid-difensur tal-azjendi intimati li l-kumpanija responsabbli mid-ditta Seat hija Continental Cars Limited ad esklużjoni ta' Industrial Motors Limited. Għalhekk, it-Tribunal sejjer jillibera lill-Industrial Motors Limited mill-osservanza tal-ġudizzju. Fit-tieni lok, in kwantu tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, wara li fela l-atti sewwa, it-Tribunal iqis li t-Talba tar-Rikorrenti hija bbażata fuq il-garanzija kummerċjali ta' 12-il sena fuq difetti fil-*body* li joffri il-Volkswagen Group AG fuq il-marki ta' karozzi kollha formanti parti minn dak il-grupp, inkluż is-Seat. Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll minn Malcolm Mallia f'isem l-azjenda intimata waqt ix-xhieda tiegħu. Għalhekk, filwaqt li l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 ma jsib l-ebda applikazzjoni f'dan il-każ, għandu jingħad li l-vettura in kwistjoni inxtrat fid-29 ta' Ottubru 2007 u l-azjenda intimata ġiet notifikata bl-ilment bil-miktub f'April 2019, meta l-perjodu ta' 12-il sena kien għadu ma għalaqx. Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjoni tal-prekrizzjoni ma għandhiex mis-sewwa u ser tiġi miċħuda.

Illi r-Rikorrent ikkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ewwel darba li nnota s-sadid kien wara li l-vettura kien ilha barra 11-il sena u hekk kif induna, kien pront ikuntattja lill-azjenda intimata li minn naħa tagħha referietu fil-*body shop* li għandha f'Tal-Ħandaq. Ftit wara bdiet il-korrispondenza legali mal-azjenda intimata dwar il-garanzija. Ma jidhirx għalhekk li r-Rikorrenti naqsu milli javżaw lill-azjenda intimata bid-difett.

Illi in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha fil-mertu, ir-rappreżentant tal-azjenda intimata Malcolm Mallia isostni li r-Rikorrenti tilfu l-kopertura tal-garanzija minħabba li l-karozza in kwistjoni iddaħħlet għal *service* fil-faċilità uffiċjali tlett darbiet biss minn meta inxtrat. Jallaċċja dan il-fatt mal-garanzija fuq il-*body* minħabba li skont kif jispjega, meta vettura tiddaħħal għal *service* jew tiswija mekkanika, issir ukoll spezzjoni viżwali tal-*body* u jekk temerġi xi probema bħal sadid, din tiġi nnutata fi żmien utili. Jikkwota minn (u ppreżenta kopja) tal-*Handbook Warranty Export for Wholesaler and Importer* maħruġ mill-Volkswagen Group AG li jiċpeċifika li talba taħt il-garanzija

għandha tiġi miċħuda meta "*the buyer failed to report the fault*" u "*the buyer failed to observe the recommendations for the treatment, servicing and maintenance of the sale item*".

Illi t-Tribunal qajla jista' jagħti raġun lill-azjenda intimata a bażi ta' dawn l-argumenti fl-ewwel lok għax minn imkien mill-provi ma jirriżulta li r-Rikorrenti kienu ilhom jafu bil-ħsara tas-sadid u baqgħu ma avżawx lill-azjenda intimata u aktar minn hekk, id-dokument uffiċjali kwotat minn ismu stess għandu applikazzjoni għall-"*wholesaler and importer*" u għalhekk l-indikazzjoni hija li ma kienx disponibbli lir-Rikorrenti bħala konsumaturi fil-mument li xtraw il-vettura. Intant, l-argument li meta wieħed jonqos li jagħmel *service* mekkaniku fil-faċilità tal-importatur awtomatikament jippreġudika l-kopertura tal-garanzija fuq il-*body* tal-karozza huwa minn natura tiegħu wieħed assurd għax ma hemm l-ebda korrelazzjoni konkreta bejn iż-żewġ kunċetti u fil-fehma konsiderata tat-Tribunl huwa biss skuża fqira mill-azjenda intimata biex teludi r-responsabilitajiet tagħha taħt il-garanzija.

Illi wara li qies sewwa l-provi in atti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal, iqis li r-Rikorrenti irnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom sal-grad rikjest u għalhekk it-Talba hija mistħoqqa.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi:

1. **Jillibera lill-Industrial Motors Limited mill-osservanza ta' ġudizzju;**

2. **Jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-azjendi intimati;**

3. **Jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jikkundanna lill-azjenda intimata Continental Cars Limited sabiex tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta'seba mija u ħdax-il Euro u għaxar ċentenżmi (€711.10).**

L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru